MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 121/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Dennis Theuma)
Vs
Peter Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli
1. nhar it-30 ta’ Ottubru, 2001 f’xi hin fil-ghodu fil-Madliena, limiti tas-Swieqi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 514, liema ammont ta’ hsara jammonta ghal aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) ghad-detriment ta’ Christopher Selvagi detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 433659M u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Christopher Selvagi ngurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u tenur tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 586 b'manjiera perikoluza, bla kont u b'velocita' eccessiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-3 ta' Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 325(a) u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-appellant ghal piena karcerarja ta' tlettax (13) il-xahar kif ukoll ai termini tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal multa ta' €233.
Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w b'effett ta' l-istess rabtet lil Peter Borg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghas-somma ta' €233 li ma jvessax, ikellem jew idejjaq lill-familja Selvagi.
Rat ukoll l-artikoli 15 u 22 tal-Kapitolu 65 u skwalifikat lil Peter Borg milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-titolita' taghha, w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
Illi fl-ewwel lok, dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident, l-Ewwel Qorti qalet li "ftit ghandha xi tghid rigward ghal dik li hija l-verzjoni veritjiera tal-fatti kif okkorrew". F'dan id-dawl emmnet il-verzjoni ta' l-incident moghtija mill-parte

civile, u dan peress li strahet fuq dak li xehed ix-xhud Victor Zammit Tabona, li fi kliem il-Qorti huwa "estranju ghal kollox". L-appellant jissottometti pero' li d-dinamika ta' l-incident kienet ghal kollox differenti, u mhijiex daqstant skjetta daqs kemm pingietha l-Ewwel Qorti.

Illi sabiex jissostanzja dan, sejra tintuza l-istess xiehda tax-xhud Zammit Tabona, w il-bran stess li gie citat mill-Ewwel Qorti a fol. 127, fejn dan ix-xhud xehed hekk "....dak il-hin smajt hoss, seta' jkun xi hadd hareg u ghalaq il-bieb, per ezempju hoss hekk, u mbaghad ghadda Mr. Selvagi daqxejn mhux at speed, imma ftit aktar bis-sahha minn normal, bil-vettura li kienet qeghda tirriversja, jigifieri din id-darba ghaddiet regghet quddiem bil-front, u ftit wara ghaddiet il-karozza blu". Dan huwa l-aktar paragrafu importanti mix-xiehda kollha ta' dan ix-xhud, u jekk wiehed kellu jaqsam dan il-paragrafu fi tlieta, jsib is-segwenti. L-ewwel stadju –fejn il-parte civile saq fid-direzzjoni ta' l-appellant, li kien ghadu kemm lewa ma kantuniera w dahal fi Triq il-Gmiel, biex volontarjament jidhol go l-appellant, it-tieni stadju – fejn il-parte civile irriversjat b'certa sahha lura wara l-habta, it-tielet stadju – meta ghadda l-appellant (il-karozza l-blu) minn quddiem ix-xhud.

Illi din ix-xiehda xxejjen ghal kollox dak li qal il-parte civile, u cioe' illi kien l-appellant li dahal fih, wara li ta' l-ewwel irriversja. Ic-cirkostanzi ta' l-incident ikomplu jikkoroboraw dan. Instabu fuq il-post "brake marks2 li kienu jappartjenu lill-karozza ta' l-appellant. Dawn saru propju ghax meta l-appellant ra l-parte civile gejja ghal fuqu, prova jwaqqaf, aktar milli jersaq eqreb lejn il-parte civile, li kienet qed tavvanza.

Illi dwar l-ewwel akkuza, m'hemm l-ebda prova illi d-danni kkawzati jaqbzu l-hames mitt lira Maltin (LM500). Dan qed jinghad propju ghaliex l-istima u survey esebiti a fol. 15 u 16 huma biss fotokopja w ma jistghu qatt jikkostitwixxu l-ahjar prova. Dan gie koncess mill-Ewwel Qorti stess li rrimarkat illi min irrediga l-istima per se qatt ma ngab jixhed. L-Ewwel Qorti pero' xorta kienet tal-fehma illi d-danni jeccedu l-hames mitt lira Maltin, u dan

peress li rrimarkat "Il-Qorti m'ghandhiex bzonn l-uzu ta' l-espert!!". Bir-rispett kollu dovut, dan huwa kamp, fejn l-icken prova trid tingieb b'mod car u anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument il-parte civile kellu jaghmel tiswijiet ghaljin madwar il-karozza kollha (li ma kienx il-kaz) xorta kellu jkun hemm prova awtentika w cara dwar it-tiswijiet u l-prezz taghhom. L-ebda Qorti ma tista' tghid li m'ghandhiex bzonn ta' espert, jew ghall-inqas ta' xhud espert, jekk dak li jkun qed jigi konstatat ikun ta' natura ftit jew wisq teknika. L-icken haga li kellha ssir mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kienet li ttella' persuna kompetenti sabiex tixhed dwar l-istima nfisha, haga li baqghet ma saritx, u allura l-prova tal-hsara w il-valur taghha kjarament ma saritx. Dan apparti li x-xhud Charles Camilleri a fol. 114 stqarr li ma jafx it-tiswijiet ghax-xoghol fil-fatt sarux.

Illi ghandu jinghad illi hafna mix-xiehda li ttellghet mill-prosekuzzjoni kienet totalment irrelevanti, u kienet donnha intiza biss biex tixhed dawl ikrah fuq l-appellant dwar incidenti li setghu inqalghu qabel dak odjern, li kienu dejjem relatati max-xogholijiet li ghamel lill-parte civile. Hekk per ezempju, hafna mix-xiehda tal-parte civile nfisha tiddeskrivi theddid, u ghajjat allegatament maghmula mill-appellant f'dati qabel dik ta' l-incident odjern. Il-prosekuzzjoni addirittura tellghet biex tixhed lil Miriam Selvagi, li ma kienet involuta xejn f'dan l-incident u kienet intiza biss biex taghti xiehda dwar telefonati li kien allegatament ghamel l-appellant.

Illi dwar it-tieni akkuza, ghandu jinghad illi din ma giet pruvata bl-ebda mod, u wiehed difficli jifhem x'qieset l-Ewwel Qorti sabiex l-appellant instab hati ta' theddid u ingurji, f'dan l-incident partikolari. Anzi skond il-parte civile stess u bintu, it-twieqi tal-karozza taghhom kienu mghollijin – ma setghu jisimghu xejn. A. fol. 111, il-parte civile stqarr li t-twieqi kienu maghluqin, "ma stajtx inkellmu". Qal ukoll illi "anke kieku stess kellimni, ma kontx nista' nisimghu". Ix-xiehda dwar theddid u ingurji, se mai kienet tirrivolvi madwar incident separati u precedenti ghal dan odjern, pero' dwar dan odjern, hekk

kif dedott fl-akkuza, m'hemm l-ebda prova dwar ingurji u theddid.

Illi dwar it-tielet akkuza w cioe' dwar sewqan perikoluz, bla kont u b'velocita' eccessiva, ghandu jinghad illi dan kollu, ghal darb'ohra, ma rrizultax. Issir referenza mill-gdid ghax-xhud Victor Zammit Tabona li meta mistoqsi a fol. 128 jekk Borg kienx gej bi speed qal "Le ma kienx – ghax kien hemm karozza ohra quddiemu hux". Qal ukoll li l-habta ma rahiex u allura ezattament x'gara fl-impatt m'hemm ebda xiehda okulari tieghu, lanqas mill-parte civile nnifsu. In kontro ezami fil-fatt fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2008, il-parte civile qal li ma rax lill-appellant gej fuqu, rah biss immedjatament wara l-habta. Wiehed difficli jifhem allura minn fejn seta' rrizulta li l-appellant kien ghaddej b'velocita' eccessiva. Anke x-xhud Lara Selvagi, prodotta mill-prosekuzzjoni, in kontro ezami a fol. 106 qalet li ma kinitx taf l-ispeed ezatt li kien gej bih l-appellant. Minn dan kollu jirrizulta allura illi l-habta grat bhala fatt, jekk pero' qabel il-habta kinitx tissussisti t-tielet akkuza o meno, minghajr pregudizzju ghall-aggravji fuq imsemmija, ma jirrizulta minn imkien.

Illi di piu fil-korp ta' l-akkuzi hemm imsemmi illi l-appellant allegatament sar recediv. Fis-sitt paragrafu fil-fatt hemm referenza ghal sentenza li a bazi taghha l-appellant allegatament sar recediv. F'dan l-istess paragrafu pero' m'hemmx imsemmija d-data tas-sentenza. Issir biss referenza ghal "sentenza datata ....." u wara jithalla vojt. B'dan in-nuqqas, l-akkuza ma rreferiet ghal ebda sentenza specifika w allura r-recidivita' ma ghandhiex tinstab. Fuq kollox, il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar jekk kienx hemm appell jew le mis-sentenza minnha prezentata aktar 'il quddiem tul il-proceduri, u allura ma hux pruvat jekk is-sentenza msemmija saritx definittiva jew le. Ghal dan ukoll, ir-recidivita' m'ghandhiex tinstab.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi bejn l-appellant u l-parti civili Chris Selvaggi kien hemm kwistjoni quddiem il-Qorti Civili dwar

xi bilanc ta' flus dovuti kif ukoll talba ghad-danni minn naha tal-parti civili Chris Selvaggi. L-appellant jidher illi ha din il-kwistjoni oltre s-swali tal-Qorti. Tant hu hekk illi darba minnhom gie rrapurtat illi cempel lil Selvaggi u b'lehen gholi heddu li se jkissirlu kollox, joffendih u juza kliem hazin u oxxen tant illi Selvaggi ghamel rapport mal-Maltacom fil-konfront tal-appellant ghal "malicious phone calls".

Fit-30 ta' Ottubru 2001 Chris Selvaggi kien se jwassal lit-tifla tieghu l-iskola w ghadda minn triq il-Gmiel il-Madliena li hija triq dejqa li minnha ma jghaddux zewg vetturi ma genb xulxin. X'hin wasal f'tarf it-triq dar l-appellant Peter Borg bil-vettura tieghu u ghalqu fis-sens illi ma setax jghaddi. Selvaggi irriversja t-triq lura ghax ma kellux imkien iehor minn fejn jghaddi u baqa` jirriversja sa triq il-Kaljarun.

Selvaggi jghid illi appena huwa rriversja l-appellant baqa` diehel go fih bi "speed" qawwi, gie "head on" u kif habtu nizel l-appellant mill-karozza u kien se jersaq ghal Selvaggi, izda dan ta' l-ahhar irriversja ftit iehor, dar minn mieghu u baqa` sejjer l-ghassa. Xehed ukoll illi waqt illi Selvaggi kien ghaddej mal-karozza ma' genb l-imputat dan ta' l-ahhar ta daqqa ta' sieq ma' genb il-karozza.

Dwar id-danni giet esebita stima dokument CS mahruga mill-agent tad-ditta Nissan.

L-appellant, minn naha l-ohra, filwaqt li ammetta li l-vetturi gew konfrontati ma' xulxin il-parti civili qatt ma rriversja, pero` ammetta li rassu u li kien Selvaggi illi baqa` diehel go fih. Ammetta li wara li hareg mill-karozza tieghu l-appellant laqghat il-karozza ta' Selvaggi.

Ghal dan l-incident assistita wkoll Victor Zammit Tabona li huwa garr ta' Chris Selvaggi, filwaqt li Zammit Tabona ma rahx l-incident isir, ra pero` l-vettura ta' Selvaggi ghaddejja minn quddiem id-dar tieghu, waqfet ftit il-fuq mill-gate u rah ukoll ghaddej minn quddiem l-istess gate bir-riverse. Xehed ukoll li quddiemu ghaddiet karozza 4 X 4 blu u sema xi hsejjes bhal bieba tahbat.

Ghal dawn il-provi l-appellant argumenta li x-xhieda ta' Zammit Tabona, wara l-habta, ma rrizulta xejn minn dak allegat fl-akkuza.  Anki l-hsarat qatt ma gew ippruvati u c-certifikat ta' Nissan qatt ma gie kkonfermat bil-gurament.

Il-kwistjonijiet civili illi kien hemm bejn il-partijiet ma kellux x'jaqsam ma' dan l-incident, izda kien qed juza din il-kawza biex joskura lill-appellant u jpattihilu tal-kwistjonijiet illi kien hemm bejniethom.

Selvaggi qal illi kellu t-twieqi tal-karozza imtellghin u ghalhekk zgur illi ma setghu jisimghu xejn.  Minn naha l-ohra anqas ir-recidiva ma giet ippruvata w din il-kawza tirriduca ruhha ghall-kredibilita` fejn il-parti civili ikkontradixxa ruhhu u l-provi ma jwasslux ghall-htija.

Ghax fi kwalunkwe kaz hemm konflitt fil-provi li ghandhom iwasslu ghall-liberatorja tal-appellant.

Ikkunsidrat :

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Thorne" [App. Krim. 09-07-2003] il-Qorti qalet : *".....mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata.  Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati f'artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell, illi ma semghetx ix-xhieda viva voce, mihiex f'posizzjoni li tikkunsidra xhud permezz tal-kriterji imsemmija fl-artikolu 637 fuq imsemmi, liema kriterji gew abbilment ikkunsidrati mill-Qorti tal-Magistrati li quddiemha kellha din il-kawza li kellha l-vantagg illi tara w li tisma x-hud u taghmel l-evalwazzjonijiet taghha, mentri l-Qorti tal-Appell normalment tiddeciedi u tikkunsidra l-appell fuq il-bazi ta' dokumenti biss.  Dana pero` jwassalha ghal certa konkluzjonijiet.

Dan l-incident ma kienx semplici habta. Il-parti civili kien hiereg minn triq dejqa ghall-affari tieghu biex iwassal lil bintu l-iskola w li kien l-appellant illi deliberatament ghalaqlu t-triq b'mod li l-parti civili ma setax johrog.

Il-parti civili, minn naha tieghu, ghamel minn kollox biex jevita konfront, tant illi rriversja lura halli jkun jista` jahrab izda l-appellant xorta saq warajh u baqa` diehel volontarjament fuq il-karozza tal-parti civili. Kien hawnhekk li dan ta' l-ahhar u t-tifla tieghu tant bezghu illi ghalqu t-twieqi.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi kien l-appellant illi kien aggressiv fil-konfront tal-parti civili u filwaqt illi Zammit Tabona ma rax l-incident isir, dik il-parti li ra taqbel perfettament max-xhieda moghtija minn Selvaggi.

L-appellant jghid illi ghal dak illi setgha gara jiddispjacih izda bl-ebda mod ma pprova jhallas ghad-danni illi huwa kkawza.

Minkejja kollox din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-appellant mihiex kredibbli u taqbel mar-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzjoni taghha, inkluz ir-raguni ghaliex sabet lill-appellant hati ghar-recidiva.

Fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt" [Appell 01-12-1994] il-Qorti qalet :
*"fi kliem iehor l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju tad-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta u evidentement giet emnuta ......il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament."*

Ghalhekk kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-

konkluzjoni li jkun wasal ghaliha tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika, l-bon sens u l-ligi ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli (ara l-Pulizija vs Brian Caruana 23-05-2002 Appell Kriminali).

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, rat ukoll is-sentenza w il-konkluzjonijiet taghha w tasal ghall-konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni u taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------